KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fl-10 ta' Novembru 2016 [1]

Kawża C-660/15 P

Viasat Broadcasting UK Ltd
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell — Għajnuna mill-Istat — Għajnuna implementata mill-awtoritajiet Daniżi favur ix-xandar ta' servizz pubbliku Daniż TV2/Danmark — Finanzjament pubbliku mogħti sabiex jiġu kkumpensati l-ispejjeż involuti fl-implementazzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern — Relazzjoni bejn l-Artikoli 106(2) u 107(1) TFUE"

1. Bl-appell tagħha, Viasat Broadcasting UK Ltd (iktar 'il quddiem "Viasat") qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja li tannulla s-sentenza tal-24 ta' Settembru 2015 fil-Kawża T-125/12 [2] li fiha l-Qorti Ġenerali caħdet it-talba tagħha għall-annullament tad-Deċiżjoni 2011/839/UE [3] sa fejn il-Kummissjoni ddeċidiet permezz tagħha li ċerti miżuri implementati mir-Renju tad-Danimarka favur TV2/Danmark kienu kompatibbli mas-suq intern taħt l-Artikolu 106(2) TFUE [4].

2. Meta tarah mil-lenti tal-qasam tal-għajnuna mill-Istat, dan l-appell iqajjem kwistjoni importanti fir-rigward tal-finanzjament tal-obbligi ta' servizz pubbliku. Essenzjalment, Viasat tpoġġi dubji fuq ir-relazzjoni bejn il-kundizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza storika Altmark [5] u dawk li jsegwu mill-Artikolu 106(2) TFUE [6]. Il-qofol tal-appell ta' Viasat huwa li jiġi ssuġġerit li l-Kummissjoni

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Sentenza tal-24 ta' Settembru 2015, Viasat Broadcasting UK vs Il-Kummissjoni, T-125/12, EU:T:2015:687 (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata").

3 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-20 ta' April 2011, dwar miżuri implementati mid-Danimarka (C 2/03) għal TV2/Danmark (ĠU 2011 L 340, p. 1) (iktar 'il quddiem "id-deċiżjoni kkontestata").

4 — Nirrimarka li, minkejja l-fatt li Viasat tablet lill-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjoni kkontestata (ara l-paragrafu 30 tas-sentenza appellata), jidher li l-Qorti Ġenerali ddefiniet mill-ġdid, fil-parti introduttorja tas-sentenza appellata, is-suġġett tal-kawża quddiemha billi ddikjarat li Viasat tilob l-"annullament *parzjali* tad-[deċiżjoni kkontesta]" (enfasi miżjuda).

5 — Sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg, C-280/00, EU:C:2003:415, punti 89 sa 93 (iktar 'il quddiem is-"sentenza Altmark" u "l-kundizzjonijiet Altmark"). Il-kundizzjonijiet Altmark jikkjarifikaw meta impriżi li jwettqu l-obbligi ta' servizz pubbliku ma jgawdux minn vantaġġ finanzjarju reali mill-kumpens li jirċievu bħala korrispettiv għal dawk l-obbligi u għaldaqstant ma humiex f'pożizzjoni kompetittiva iktar favo revoli mill-kompetituri tagħhom. Dawk il-kundizzjonijiet huma kif ġej: *l-ewwel nett*, l-impriża li tirċievi l-kumpens għandu fil-fatt ikollha obbligi ta' servizz pubbliku xi twettaq, u dawk l-obbligi għandhom ikunu ddefiniti b'mod ċar. *It-tieni nett*, il-parametri li fuq il-bażi tagħhom jiġi kkalkulat il-kumpens iridu jiġu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti, sabiex jiġi evitat li jingħata vantaġġ ekonomiku li jista' jiffavorixxi l-impriża benefiċjarja fuq impriżi kompetituri. *It-tielet nett*, il-kumpens imħallas ma jistax jaqbeż dak li huwa neċessarju biex ikopri l-ispejjeż kollha jew parti mill-ispejjeż ikkawżati mit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, wara li jittieħed inkunsiderazzjoni d-dħul rilevanti u qligħ raġonevoli għat-twettiq ta' dawk l-obbligi. *Ir-raba' nett*, il-kumpens għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż li impriża tipika, immexxija tajjeb u pprovduta b'mezzi adegwati sabiex tkun tista' tissodisfa r-rekwiżit tas-servizz pubbliku neċessarji, tkun għamlet fit-twettiq ta' dawk l-obbligi, wara li jittieħed inkunsiderazzjoni d-dħul rilevanti u qligħ raġonevoli għat-twettiq ta' dawk l-obbligi; ara l-formulazzjoni ta' dawk il-kundizzjonijiet stabbiliti, *inter alia*, mis-sentenza tat-8 ta' Mejju 2013, Libert *et*, C-197/11 u C-203/11, EU:C:2013:288, punti 87, 89, 91 u 92.

6 — Skont l-Artikolu 106(2) TFUE, "Kull impriża responsabbli sabiex topera servizzi ta' importanza ekonomika ġenerali jew li jkollha l-karattru ta' monopolju fiskali għandha tkun suġġetta għar-regoli tat-Trattati, b'mod partikolari dawk li jirriferu għall-kompetizzjoni, sa fejn l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma jostakolawx it-twettiq de jure jew de facto tal-funzjonijiet speċifiċi mogħtija lil dik l-impriża. L-iżvilupp tal-kummerċ ma għandux jiżviluppa b'mod kuntrarju għall-interessi ta' l-Unjoni".

Ewropea għandha tapplika l-kundizzonijiet Altmark meta teżamina jekk għajnuna tistax tiġi ddikjarata kompatibbli skont l-Artikolu 106(2) TFUE. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet dik l-idea f'diversi okkażjonijiet [7], u issa l-Qorti tal-Ġustizzja qed tintalab tirrikkunsidraha għall-ewwel darba minn mindu ngħatat s-sentenza Altmark.

3. Għar-raġunijiet li ġejjin, jiena tal-fehma li l-Qorti Ġenerali għamlet sew meta ċaħdet dik l-idea. Għaldaqstant, jiena nirrakkomanda li dan l-appell jiġi miċħud.

I – **L-isfond tal-proċeduri**

4. Wara lment ippreżentat fil-5 ta' April 2000, b'deċiżjoni tad-19 ta' Mejju 2004 il-Kummissjoni ordnat lir-Renju tad-Danimark biex jirkupra l-ammont ta' DKK 628.2 miljuni, flimkien mal-imgħax, mill-impriża awtonoma tal-Istat TV2/Danmark [8]. Dik id-deċiżjoni ġiet sussegwentement annullata mill-Qorti Ġenerali f'Ottubru 2008 [9].

5. Fil-frattemp, billi l-effett ta' dik id-deċiżjoni kien li jirrendi insolventi lis-suċċessur ta' TV2/Danmark (il-kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata TV2/Danmark A/S [10]), b'ittra tat-23 ta' Lulju 2004, ir-Renju tad-Danimarka nnotifika lill-Kummissjoni b'rikapitalizzazzjoni ppjanata ta' TV2. B'deċiżjoni tas-6 ta' Ottubru 2004, il-Kummissjoni kkunsidrat li kwalunkwe element ta' għajnuna mill-Istat li jista' jkun konness mar-rikapitalizzazzjoni tat-TV2 kien kompatibbli mas-suq intern taħt dak li issa huwa l-Artikolu 106(2) TFUE [11]. F'Settembru 2009, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma kienx meħtieġ li tiddeċiedi dwar ċerti kontestazzjonijiet legali magħmulin kontra dik id-deċiżjoni [12].

6. Wara l-annullament tad-deċiżjoni msemmija iktar 'il fuq fil-punt 4, f'April 2011, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata wara li evalwat mill-ġdid il-miżuri inkwistjoni u wara li kkonsultat il-partijiet interessati. Id-deċiżjoni kkontestata tirrigwarda l-miżuri mogħtija lil TV2 bejn l-1995 u l-2002. Madankollu, il-Kummissjoni, fl-analiżi tagħha, ħadet inkunsiderazzjoni wkoll l-miżuri ta' rikapitalizzazzjoni adottati fl-2004 li sar riferiment għalihom fil-punt 5 (meħudin flimkien, iktar 'il quddiem: "il-miżuri inkwistjoni").

7. Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kklassifikat il-miżuri inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE favur TV2. Sussegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-somma ta' DKK 628.2 miljun kienet bafer kapitali xieraq għal TV2. Għaldaqstant, l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata jiddikajara:

"Il-miżuri li [r-Renju ta]d-Danimarka implimenta[...] favur [TV2] bejn l-1995 u l-2002 fil-forma ta' fondi mid-drittijiet tal-liċenzja u miżuri oħra identifikati fid-deċiżjoni preżenti huma kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 106(2) [TFUE]".

7 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' Marzu 2009, TF1 vs Il-Kummissjoni, T-354/05, EU:T:2009:66, punti 124 sa 147; tal-1 ta' Lulju 2010, M6 vs Il-Kummissjoni, T-568/08 u T-573/08, EU:T:2010:272, punti 127 sa 141; tas-7 ta' Novembru 2012, CBI vs Il-Kummissjoni, T-137/10, EU:T:2012:584, punti 289 sa 301; u tas-16 ta' Ottubru 2013, TF1 vs Il-Kummissjoni, T-275/11, għadha ma ġietx ippubblikata, EU:T:2013:535, punti 129 sa 145.

8 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/217/KE, tad-19 ta' Mejju 2004, dwar miżuri implementati mid-Danimarka għal TV2/Danmark (ĠU 2006 L 85, p. 1, *corrigendum* ippubblikat fil-ĠU 2006 L 368, p. 112).

9 — Sentenza tat-22 ta' Ottubru 2008, TV2/Danmark *et* vs Il-Kummissjoni, T-309/04, T-317/04, T-329/04 u T-336/04, EU:T:2008:457.

10 — Għal-leġibbiltà, f'dawn il-Konkużjonijiet se nuża t-taqsira "TV2" biex isir riferiment għax-xandar Daniż tat-televiżjoni ta' servizz pubbliku TV2/Danmark, irrispettivament mill-forma legali tiegħu.

11 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2004) 3632 finali fil-każ dwar l-Għajnuna mill-Istat Nru N 313/2004 fuq ir-rikapitalizzazzjoni ta' TV2/Danmark A/S (pubblikazzjoni sommarja fil-ĠU 2005 C 172, p. 3).

12 — Ordnijiet tal-24 ta' Settembru 2009 fil-kawża SBS TV u SBS Danish Television vs Il-Kummissjoni, T-12/05, ma humiex ippubblikati, EU:T:2009:357; u Viasat Broadcasting UK vs Il-Kummissjoni, T-16/05, li ma ġewx ippubblikati, EU:T:2009:358.

II – **Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali**

8. Permezz ta' rikors ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2012, Viasat fetħet kawża għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

9. Insostenn tal-azzjoni tagħha, Viasat invokat żewġ motivi għall-annullament, jiġifieri, l-ewwel nett, li l-Kummissjoni għamlet żball ta' liġi meta evalwat il-kompatibbiltà tal-miżuri inkwistjoni mas-suq intern taħt l-Artikolu 106(2) TFUE, mingħajr ma tat kas tat-tieni u r-raba' kundizzjonijiet Altmark, u, it-tieni nett, li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 296 TFUE meta naqset milli tispjega, fid-deċiżjoni kkontestata, għaliex l-Artikolu 106(2) TFUE kien japplika f'dak il-każ, anki għalkemm it-tieni u r-raba' kundizzjonijiet Altmark ma kinux issodisfatti.

10. Wara seduta pubblika li saret fil-15 ta' Jannar 2015, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li ma kienx meħtieġ li l-kawża tiġi deċiża sa fejn intalab l-annullament tal-parti tad-deċiżjoni kkontestata li fiha l-Kummissjoni ddeċidiet li d-dħul mir-reklamar mill-1995 u l-1996 imħallas lil TV2 mill-hekk imsejjaħ Fond TV2 kien jammonta għal għajnuna mill-Istat (għar-raġunijiet għal dan, ara l-punt 18 iktar 'l isfel), u ċaħdet il-bqija tal-kawża. Ordnat ukoll lil Viasat li tbati l-ispejjeż tagħha u dawk tal-Kummissjoni, u ordnat lir-Renju tad-Danimarka u lil TV2 biex kull wieħed minnhom ibati l-ispejjeż tiegħu.

III – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet imressqa**

11. B'appell ippreżentat fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' Diċembru 2015, Viasat tissottometti li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' Viasat kemm fl-ewwel istanza kif ukoll dawk fil-Qorti tal-Ġustizzja;

alternattivament:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tirrinvija l-kawża lill-Qorti Ġenerali;

— tirriżerva l-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

12. B'risposta ppreżentata fil-11 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni tissottometti li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiċħad l-appell bħala inammissibbli, infondat u ineffettiv, u tikkundanna lil Viasat għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

13. B'risposta ppreżentata fid-19 ta' Frar 2016, TV2 qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiċħad l-appell. Alternattivament, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appell, TV2 titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja żżomm l-effetti tas-sentenza appellata, u d-deċiżjoni kkontestata, bis-saħħa tal-Artikolu 264(2) TFUE. Fl-aħħar nett, TV2 titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkundanna lill-Viasat għall-ispejjeż ta' TV2.

14. B'risposta ppreżentata fit-22 ta' Frar 2016, ir-Renju tad-Danimarka jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiċħad l-appell.

15. Bis-saħħa tal-Artikolu 76(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma saret l-ebda seduta.

IV – **Analiżi**

A –*Rimarki introduttorji*

16. Il-kwistjoni tal-kumpens għat-twettiq tal-obbligu ta' servizz pubbliku tax-xandir impost fuq TV2 kien is-suġġett ta' litigazzjoni qawwija fil-Qorti Ġenerali[13]. Madankollu, din hija l-ewwel darba li l-Qorti Ġenerali qed tintalab tikkunsidra din il-kwistjoni li ilha għaddejja.

17. Flimkien mal-kawża ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja bħalissa hija adita wkoll bi tliet appelli ppreżentati rispettivament minn Viasat, TV2 u l-Kummissjoni. Dawk l-appelli jirrigwardaw kollha deċiżjoni, mogħtija fl-istess jum bħas-sentenza appellata, fejn il-Qorti Ġenerali laqgħet parzjalment kawża ppreżentata minn TV2 li talbet l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn dik id-deċiżjoni stabbilixxiet li l-miżuri inkwistjoni kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat[14].

18. Fis-sentenza l-oħra appellata, il-Qorti Ġenerali, fuq il-linja tal-argumenti ta' TV2, l-ewwel annullat id-deċiżjoni kkontestata sa fejn il-Kummissjoni kienet stabilixxiet li d-dħul mir-reklamar għas-snin 1995 u 1996 imħallas lil TV2 permezz tal-Fond TV2 kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, billi l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li ma ġiex issodisfatt ir-rekwiżit ta' "riżorsi tal-Istat" (ara l-paragrafi 211 sa 220 tas-sentenza l-oħra appellata).[15] It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fir-rigward tat-tieni kundizzjoni Altmark, li l-Kummissjoni għamlet żball ta' liġi meta rrikjediet li l-kumpens pagabbli lil TV2 kellu jinħadem b'tali mod li jiżgura t-twettiq effiċjenti tal-obbligu ta' servizz pubbliku (ara l-pargrafu 106 tas-sentenza l-oħra appellata). Dawk id-deċiżjonijiet qegħdin fil-qofol tal-appelli simultanji pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

19. Jekk TV2 ikollha suċċess fil-pretenzjoni fl-appell tagħha fil-Kawża C-649/15 P li l-Qorti Ġenerali għamlet żball meta ddeċidiet li parti biss mill-miżuri inkwistjoni ma jinvolvux għajnuna mill-Istat, allura l-appell odjern, li huwa bbażat fuq il-kunċett li l-miżuri inkwistjoni jikkostitwixxu għajnuna għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) TFUE, jista' jispiċċa mingħajr skop.

20. Madankollu fil-kawża odjerna jqum il-punt ta' liġi importanti li l-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma ddeċidietx preċedentement u li jeħtieġ attenzjoni. Minkejja l-eżitu ta' dawk il-proċeduri l-oħrajn tal-appell, jiena se nikkunsidra dan l-appell fl-istat kurrenti tiegħu.

21. Viasat tinvoka tliet aggravji. L-ewwel nett, Viasat ssostni li l-Qorti Ġenerali għamlet żball ta' liġi meta ċaħdet it-talba ta' Viasat li l-Kummissjoni naqset, fid-deċiżjoni kkontestata, milli tosserva d-dmir ta' motivazzjoni tagħha skont l-Artikolu 296 TFUE. It-tieni nett, Viaset tikkontendi li l-Qorti Ġenerali għamlet żball ta' liġi meta qalet li l-Kummissjoni ma kinitx meħtieġa, għall-finijiet tal-evalwazzjoni taħt l-Artikolu 106(2) TFUE, li tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li għajnuna lill-TV2 kienet ingħatat mingħajr l-osservanza tal-prinċipji fundamentali ta' trasparenza u ta' kosteffiċjenza. Fl-aħħar nett, Viasat ssostni li l-Qorti Ġenerali nnifisha għamlet żball meta naqset milli teżamina bid-diliġenza u tittratta t-talbiet ta' Viasat.

22. Naħseb li huwa xieraq li nibda l-analiżi tiegħi bit-tieni aggravju.

13 — Apparti d-deċiżjonijiet imsemmija fil-Part I ta' dawn il-Konklużjonijiet, qed isir ukoll riferiment għall-ordnijiet tat-22 ta' Marzu 2012, Viasat Broadcasting UK vs Il-Kummissjoni, T-114/09, li ma hijiex pubblikata, EU:T:2012:144; u tal-10 ta' Diċembru 2012, Viasat Broadcasting UK vs Il-Kummissjoni, T-210/12, li ma hijiex pubblikata, EU:T:2012:660.

14 — Sentenza tal-24 ta' Settembru 2015, TV2/Danmark vs Il-Kummissjoni, T-674/11, EU:T:2015:684 (iktar 'il quddiem "is-sentenza l-oħra appellata"). L-appelli li huma bħalissa pendenti huma l-kawżi TV2/Danmark vs Il-Kummissjoni, C-649/15 P; Il-Kummissjoni vs TV2/Danmark, C-656/15 P; u Viasat Broadcasting UK vs TV2/Danmark, C-657/15 P.

15 — Dan huwa għaliex il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fis-sentenza appellata, li kien parzjalment mhux neċessarju li tingħata deċiżjoni fuq il-parti tal-kawża ta' Viasat għal annullament.

B –*It-tieni aggravju*

1. Argumenti tal-partijiet

23. Viasat tissottometti li sabiex għajnuna tiġi ddikjarata bħala kompatibbli skont l-Artikolu 106(2) TFUE, għandhom jiġu ssodisfatti ċerti kundizzjonijiet. L-ewwel nett, għandu jiġi ddefinit mill-Istat Membru x'inhu servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (iktar 'il quddiem "ir-rekwiżit ta' definizzjoni"); it-tieni nett, il-provvista ta' dak is-servizz għandha tiġi fdata minn dak l-Istat Membru lil impriża partikolari (iktar 'il quddiem "ir-rekwiżit ta' inkarigu"); u t-tielet nett, (i) l-applikazzjoni tar-regoli tat-Trattati, inklużi r-regoli fuq l-għajnuna mill-Istat, għandha tostakola t-twettiq tal-kompiti partikolari assenjati lil dak il-fornitur (iktar 'il quddiem "it-test tal-ostakolu"), u (ii) deroga minn dawk ir-regoli ma għandhiex taffettwa l-iżvilupp tal-kummerċ sa tali mod li jkun kuntrarju għall-interessi tal-Unjoni (iktar 'il quddiem "it-test tal-ibbilanċjar").

24. Viasat issostni li t-test tal-ostakolu għandu dejjem jirrifletti r-regoli tat-Trattat li minnhom tintalab deroga. F'dak is-sens, Viasat tiddikjara li r-rekwiżiti ta' definizzjoni u inkarigu, u l-projbizzjoni fuq kumpens żejjed li jsegwi mit-test tal-ibbilanċjar, li kollha għandhom jiġu osservati skont l-Artikolu 106(2) TFUE, jikkorrespondu fil-fehma tagħha mal-ewwel u t-tielet kundizzjonijiet Altmark. Fuq dik il-bażi, Viasat issostni li, wara s-sentenza Altmark, it-test tal-ostakolu jeħtieġ analiżi dwar jekk ikunx jostakola t-twettiq tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, ir-rekwiżit li (a) il-parametri ta' kumpens jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u oġġettiv (f'konformità mat-tieni kundizzjoni Altmark), u (b) is-servizz inkwistjoni għandu jingħata wara sejħa għal offerti pubblika jew dak il-kumpens għandu jiġi limitat għal dak li huwa neċessarju biex ikopri l-ispiża ta' impriża mmexxija tajjeb u kosteffiċjenti (f'konformità mar-raba' kundizzjoni Altmark). Viasat issostni li l-Kummissjoni naqset milli tagħmel hekk fid-deċiżjoni kkontestata u li l-Qorti Ġenerali, min-naħa tagħha, naqset milli dan tiċċensurah fis-sentenza appellata.

25. Barra minn hekk, Viasat tikkontendi speċifikament li l-Qorti Ġenerali għamlet żball ta' liġi meta (i) qagħdet fuq is-sentenza M6[16] u sentenzi oħra li tat dik il-qorti biex tiċħad l-azzjoni ta' Viasat; (ii) iddeċidiet li l-argumenti ta' Viasat iwasslu għal impass loġiku, billi l-Artikolu 106(2) TFUE isir, *inter alia*, mingħajr effett; (iii) ċaħdet is-sinjifikat ta' ċerti komunikazzjonijiet u deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-2005 u l-2011, kif imsemmi fil-punt 67 tas-sentenza appellata; u (iv) iddeċidiet li l-Komunikazzjoni dwar ix-Xandir 2001[17] kienet tipprekludi lill-Kummissjoni milli tapplika l-metodoloġija li, fil-fehma ta' Viasat, tirriżulta mill-Artikolu 106(2) TFUE.

26. Il-Kummissjoni, sostnuta minn TV2 u mir-Renju tad-Danimarka, tikkontesta l-allegazzjonijiet ta' Viasat. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tikkunsidra li sa fejn Viasat issostni li l-Komunikazzjoni dwar ix-Xandir hija invalida, dak l-argument huwa tardiv u għalhekk inammissibbli. Min-naħa tiegħu, ir-Renju tad-Danimarka jgħid, *inter alia*, li sa fejn il-linja tal-argument ta' Viasat hija intiża li tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli ma vverifikatx jekk il-Kummissjoni ssodisfatx lilha nnifisha, meta kienet qed tevalwa l-kompatibbiltà tal-miżuri ta' għajnuna fid-deċiżjoni kkontestata, li l-obbligi ta' servizz pubbliku ta' TV2 kienu tqiegħdu għal sejħa għal offerti bis-saħħa tal-prinċipju ta' trasparenza li jirriżulta mir-regoli fuq il-moviment liberu fit-Trattat FUE, dak l-argument ma tressaqx quddiem il-Qorti Ġenerali u għaldaqstant huwa inammissibbli.

16 — Sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, M6 vs Il-Kummissjoni, T-568/08 u T-573/08, EU:T:2010:272.

17 — Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' regoli tal-għanuna mill-Istat għax-xandir ta' servizz pubbliku (ĠU 2001 C 320, p. 5).

2. Evalwazzjoni

27. Naħseb li huwa xieraq li nittratta l-oġġezzjonijiet ta' ammissibbiltà li jqajmu l-Kummissjoni u r-Renju tad-Danimarka fir-rigward tal-argumenti relatati magħhom. Għalhekk, se ngħaddi mill-ewwel għas-sustanza tal-aggravju ta' Viasat.

28. Ċertament, ir-relazzjoni matul is-snin bejn l-Artikolu 106(2) u l-Artikolu 107(1) TFUE ma tantx kienet ċara. Dak in-nuqqas ta' ċarezza kien l-iktar apparenti fil-qasam tal-finanzjament ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali. Madankollu, fis-sentenza Altmark, il-Qorti tal-Ġustizzja, sedenti f'Awla Manja, notorjament adottat approċċ ġdid li wħud sejħulu l-"approċċ ta' kumpens kundizzjonali"[18].

29. L-erba' kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Altmark jirrigwardaw il-kwistjoni dwar jekk vantaġġ ingħatax lil impriża. Għalhekk, jirrigwardaw parti kostitwenti tal-kunċett ta' "għajnuna" skont l-Artikolu 107(1) TFUE.[19] Fil-prattika, kummentaturi osservaw li, minħabba li huma stretti, dawk il-kundizzjonijiet ma ġewx issodisfatti f'ħafna każijiet[20]. Il-konsegwenza diretta ta' dan hi li d-dispożizzjonijiet ewlenin li bihom għajnuna mill-Istat li altrimenti kienet tkun illegali, tista' tiġi awtorizzata, jiġifieri l-Artikolu 106(2) u l-Artikolu 107(2) u (3) TFUE, għad għandhom rwol ċentrali.

30. Dawk il-kundizzjonijiet jidher li ġew irrikonoxxuti impliċitament fis-sentenza appellata. Fil-punt 63 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li anki jekk huma kemxejn simili, iż-żewġ settijiet ta' kundizzjonijiet li jsegwu, rispettivament, mis-sentenza Altmark u mill-Artikolu 106(2) TFUE, iwieġbu kwistjonijiet fundamentalment differenti. Fil-fehma tagħha, il-kundizzjonijiet Altmark imorru kontra l-kurrent tal-kundizzjonijiet taħt l-Artikolu 106(2) TFUE, li jirrigwardaw il-kompatibbiltà. Dik il-konklużjoni ewlenija wasslet lill-Qorti Ġenerali, fil-paragrafi 75 sa 99 tas-sentenza appellata, biex tikkunsidra u tiċħad id-diversi argumenti li l-appellanti ressqet biex issostni t-teorija tagħha. Issa l-appellanti tixtieq li l-Qorti tal-Ġustizzja tivvalida dik it-teorija u tiddeċiedi li, billi ċaħdet l-argumenti vantati mill-appellanti, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

31. Madankollu, l-Qorti Ġenerali ma għamlet l-ebda żball ta' liġi bħal dak.

32. Mill-bidu jingħad li hemm distinzjoni importanti bejn, minn naħa, is-sentenza Altmark u l-kundizzjonijiet li hemm fiha u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 106(2) TFUE u r-rekwiżiti tiegħu. Kif semmejt, tal-ewwel jintużaw biex jiġi ddeterminat jekk ingħatax vantaġġ u għalhekk, b'mod iktar ġenerali, jirrigwardaw il-kunċett ta' "għajnuna" skont l-Artikolu 107(1) TFUE. Dan jiġi qabel l-evalwazzjoni taħt l-Artikolu 106(2) TFUE, li jittratta l-kwistjoni dwar jekk miżura ta' għajnuna tistax tiġi ddikjarata kompatibbli. Jekk jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet Altmark, ma jkunx hemm għajnuna għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) TFUE u, għaldaqstant, l-ebda raġuni biex jiġi kkunsidrat li jiġi applikat l-Artikolu 106(2) TFUE. Barra minn hekk, dik id-distinzjoni ġġib magħha effetti prattiċi differenti.

33. Min-naħa l-oħra, konstatazzjoni li kien hemm għajnuna mill-Istat taħt l-Artikolu 107(1) TFUE tiskatta ċerti konsegwenzi legali, bħad-dmir ta' notifikazzjoni minn qabel u l-projbizzjoni dwar l-implementazzjoni mmirata lejn Stati Membri skont l-Artikolu 108(3) TFUE[21]. Dawk il-kunsiderazzjonijiet jispjegaw għaliex deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 107(1) u (3) TFUE li, filwaqt li

18 — Ara Lynskey, O., "The Application of Article 86(2) EC to Measures Which do Not Fulfil the Altmark Criteria; Institutionalising Incoherence in the Legal Framework Governing State Compensation of Public Service Obligations", *World Competition Law and Economic Review*, Kluwer Law International, 2007, Vol. 30, Ħarġa 1, p. 157.

19 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2016, Orange vs Il-Kummissjoni, C-211/15 P, EU:C:2016:7987, punt 44.

20 — Ara, *inter alia*, Klasse, M., "The Impact of Altmark: The European Commission Case Law Responses", f'Szyzyczak, E., u van de Gronden, J.W. (edituri), *Financing Services of General Economic Interest*, TMC Asser Press, Den Haag, 2013, p. 36, u Nicolaides, P., "The Perennial Altmark Questions", 27 ta' Ottubru 2015, disponibbli fi http://www.stateaidhub.eu/blogs/stateaiduncovered/post/3961 (l-aħħar aċċess sar fis-7 ta' Novembru 2016).

21 — Ara s-sentenza tal-21 ta' Novembru 2013, Deutsche Lufthansa, C-284/12, EU:C:2013:755, punt 35. Id-dmir ta' notifika minn qabel japplika wkoll għal miżuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) TFUE, ara s-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2003, van Calster *et*, C-261/01 u C-262/01, EU:C:2003:571, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata.

tikklassifika l-miżura bħala għajnuna mill-Istat, tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni, għandha titqies bħala att li jista' jiġi kkontestat fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE[22]. Barra minn hekk, il-qrati nazzjonali għandhom jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-individwi minn ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE[23].

34. Min-naħa l-oħra, l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' miżuri ta' għajnuna mas-suq intern taqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Kummissjoni[24]. Dik il-kompetenza esklużiva fl-approvazzjoni tal-għajnuna mill-Istat testendi għall-Artikolu 106(2) TFUE[25]. Dak ifisser li l-Artikolu 106(2) TFUE ma huwiex applikabbli direttament għall-finijiet tal-awtorizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat[26]. Jekk jiġi deċiż mod ieħor, allura jiġi mxejjen l-għan tas-sistema ta' kontroll minn qabel ta' għajnuna mill-Istat, li teħtieġ li l-implementazzjoni ta' għajnuna ppjanata għandha tiġi posposta sakemm id-dubju dwar il-kompatibbiltà tagħha jitneħħa mid-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni[27].

35. Isegwi minn dak li ntqal iktar 'il fuq li l-Artikolu 106(2) TFUE jsir irrilevanti jekk l-uniku mod biex miżura ta' għajnuna tirċievi l-approvazzjoni tal-Kummissjoni taħt dik id-dispożizzjoni jkun li tikkonforma mal-kundizzjonijiet Altmark.

36. Min-naħa tagħha, Viasat tiddikjara li taqbel mal-kunċett li l-Artikoli 106(2) u 107(1) TFUE jirrigwardaw kwistjonijiet distinti, imma ssostni li dan ma jindirizzax l-argumenti li ressqet fl-ewwel istanza. Madankollu, dik l-istqarrija hija mingħajr sustanza għaliex tirrifjuta li tirrikonoxxi l-konsegwenzi li joħorġu minn dik id-distinzjoni.

37. L-ewwel nett, nixtieq infakkar li l-konsegwenza tas-sentenza Altmark hija l-faċilitazzjoni tal-evalwazzjoni, mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni, dwar jekk il-kumpens imħallas lil impriża bħala kontroparti għat-twettiq ta' obbligu ta' servizz pubbliku jammontax għal "vantaġġ" għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) TFUE. F'dak ir-rigward, dawk il-kundizzjonijiet jipprovaw iwieġbu l-mistoqsija ipotetika u kontrofattwali jekk l-impriża kkonċernata kinitx tikseb il-kumpens inkwistjoni taħt kundizzjonijiet tas-suq normali, jiġifieri, il-kundizzjonijiet li japplikaw għal suq partikolari fl-assenza ta' intervent minn Stat Membru[28]. B'kuntrast, l-Artikolu 106(2) TFUE huwa bbażat fuq l-idea li l-Istat Membru fil-fatt jintervjeni favur impriża meta jafdalha l-operazzjoni ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali.

38. It-tieni nett, huwa veru li fis-sentenza Ferring, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kumpens lil operatur ta' servizz pubbliku jammonta għal għajnuna mill-Istat skont dak li issa huwa l-Artikolu 107(1) TFUE sa fejn dak il-vantaġġ inkwistjoni jaqbeż l-ispejjeż addizzjonali li jsiru fit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku imposti, u jekk dak huwa l-każ, dak il-vantaġġ ma jistax, fi kwalunkwe każ, jitqies bħala neċessarju sabiex ikun jista' jwettaq kompiti partikolari li jkunu assenjati lilu u għalhekk ma jistgħux ikunu koperti minn dak li issa huwa l-Artikolu 106(2) TFUE[29]. Madankollu, filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt għamlet riferiment għas-sentenza Ferring f'dik Altmark, hija ffurmat iktar il-kunċett ta' "vantaġġ" għal dak il-kumpens taħt dak li issa huwa l-Artikolu 107(1) TFUE fis-sura li għandu issa. Madankollu, b'differenza mis-sentenza Ferring, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ntalbitx tinterpreta fis-sentenza Altmark dak li issa huwa l-Artikolu 106(2) TFUE, li jista' jispjega għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja ma ħaditx pożizzjoni dwar l-interrelazzjoni bejn dawk

22 — Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-279/08 P, EU:C:2011:551, punti 40 sa 42.

23 — Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tal-15 ta' September 2016, PGE, C-574/14, EU:C:2016:686, punti 31, 33 u 40 u l-ġurisprudenza ċċitata.

24 — Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 2013, Deutsche Lufthansa, C-284/12, EU:C:2013:755, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata.

25 — Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Marzu 1994, Banco Exterior de España, C-387/92, EU:C:1994:100, punt 17.

26 — Bi qbil ma' dan, ara l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger fil-kawża Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg, C-280/00, EU:C:2003:13, punt 56. Għal fehma differenti, ara l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-kawża Ferring, C-53/00, EU:C:2001:253, punt 78.

27 — Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 2013, Deutsche Lufthansa, C-284/12, EU:C:2013:755, punt 26.

28 — F'dak is-sens, ara l-ordni tal-5 ta' Frar 2015, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-296/14 P, ma hijiex ippubblikata , EU:C:2015:72, punt 34. Biex jiġu stabbiliti l-"kundizzjonijiet normali tas-suq" hemm il-presuppost ta' analiżi ekonomika; ara s-sentenza tal-11 ta' Lulju 1996, SFEI *et*, C-39/94, EU:C:1996:285, punt 61.

29 — Sentenza tat-22 ta' Novembru 2001, Ferring, C-53/00, EU:C:2001:627, punti 32 u 33 (iktar 'il quddiem "is-sentenza Ferring").

iż-żewġ dispożizzjonijiet[30]. Iżda dak is-silenzju ma jistax jinftiehem bħala li jimplika li l-Qorti tal-Ġustizzja riedet il-kundizzjonijiet Altmark jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) TFUE, billi jekk isir hekk l-Artikolu 106(2) TFUE jitneħħielu l-iskop tiegħu[31]. Għall-kuntrarju, waqt li ssoktat issegwi s-sentenza Altmark, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet tinterpreta l-Artikolu 106(2) TFUE bl-istess mod li għamlet qabel[32].

39. It-tielet nett, interpretazzjoni tal-Artikolu 106(2) TFUE li tinneċessita l-evalwazzjoni jekk ikunx ostakolat it-twettiq tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali jekk tenħtieġ il-konformità mat-tieni u r-raba' kundizzjonijiet Altmark ma hijiex sostnuta fil-kliem ta' dik id-dispożizzjoni jew fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

40. L-Artikolu 106(2) TFUE jrid jirrikonċilja l-interess tal-Istati Membri fl-użu ta' ċerti impriżi, partikolarment fis-settur pubbliku, bħala strument ta' politika ekonomika jew fiskali (jew ta' politiki b'impatt ekonomiku jew fiskali), mal-interess tal-Unjoni f'li tiġi żgurata l-konformità, primarjament, mar-regoli tal-kompetizzjoni u l-preservazzjoni tal-unità tas-suq intern. Sabiex ir-regoli tat-Trattati potenzjalment ma japplikawx għall-impriża fdata b'servizz ta' interess ekonomiku ġenerali skont l-Artikolu 106(2) TFUE, huwa biżżejjed li l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli tostakola t-twettiq, fil-fatt u fid-dritt, tal-obbligi speċjali li jorbtu dik l-impriża[33].

41. F'dak ir-rigward, ma huwiex meħtieġ, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) TFUE, li s-sopravivenza tal-impriża stess tkun mhedda. Ikun biżżejjed li, fin-nuqqas tad-drittijiet jew il-miżuri ta' għajnuna inkwistjoni, ma jkunx possibbli għall-impriża li twettaq il-kompiti partikolari fdati lilha, iddefiniti b'riferiment għall-obbligi ta' servizz pubbliku tagħha. B'mod partikolari, il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) TFUE jiġu ssodisfatti jekk iż-żamma tad-drittijiet jew il-miżuri tal-għajnuna inkwistjoni tkun meħtieġa sabiex id-detentur jew ir-riċevent tagħhom ikunu jistgħu jwettqu kompiti ta' interess ekonomiku ġenerali assenjati lilhom taħt "kundizzjonijiet ekonomikament aċċettabbli"[34].

42. B'kuntrast, l-argument ta' Viasat jimplika li skema ta' kumpens għall-fornitur ta' servizz pubbliku li, meta ma tissodisfax il-kundizzjonijiet Altmark kumulattivi, fiha elementi ta' għajnuna, sabiex tiġi approvata, għandha tissodisfa dawk l-istess rekwiżiti ta' oġġettività, trasparenza u kosteffiċjenza. Dan jillimita indebitament il-kunċett ta' "kundizzjonijiet ekonomikament aċċettabbli". Għalkemm, kif issostni Viasat, l-Artikolu 106(2) TFUE huwa dispożizzjoni li tippermetti deroga mir-regoli li hemm fit-Trattati u għalhekk għandhom jiġu interpretati b'mod strett, hemm limiti kemm tista' tkun ristrettiva l-interpretazzjoni tiegħu mingħajr ma tiġi ffrustrata l-effettività tiegħu[35].

43. L-interpretazzjoni ta' Viasat tal-Artikolu 106(2) TFUE xejn ma hija persważiva fir-rigward tal-isfera tax-xandir ta' servizz pubbliku. Fil-fatt, il-Protokoll fuq is-sistema ta' xandir pubbliku fl-Istati Membri, anness mat-Trattat tal-Komunità Ewropea[36], jiddikjara li d-dispożizzjonijiet ta' dak li issa huwa t-Trattat FUE "ħandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri li jipprovdu finanzi għax-xandir pubbliku sakemm dawn il-finanzi jingħataw lill-organizazzjonijiet tax-xandir biex isiru termini ta' referenza għal servizz pubbliku magħmul, definit, u organizzat minn kull Stat

30 — Nixtieq nindika wkoll li, filwaqt li wieħed mill-aggravji tal-appell tal-Kummissjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-2 ta' Settembru 2010, Il-Kummissjoni vs Deutsche Post, C-399/08 P, EU:C:2010:481, kien il-ksur ta' dawk li issa huma l-Artikoli 106(2) u 107(1) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja llimitat l-evalwazzjoni tagħha għal dak li issa huwa l-Artikolu 107(1) TFUE u ma interpretatx dak li issa huwa l-Artikolu 106(2) TFUE; ara, b'mod partikolari, il-punti 38 sa 48 ta' dik is-sentenza.

31 — Ara, f'dak ir-rigward, il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger f'Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg, C-280/00, EU:C:2002:188, punt 79 *et seq*.

32 — Ara s-sentenza tal-15 ta' Novembru 2007, International Mail Spain, C-162/06, EU:C:2007:681, punti 34 u 35.

33 — Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Ottubru 1997, Il-Kummissjoni vs Franza, C-159/94, EU:C:1997:501, punti 55, 56 u 59.

34 — Ara, f'dak is-sens, is-sentenzi tat-19 ta' Mejju 1993, Corbeau, C-320/91, EU:C:1993:198, punti 14 u 16; 23 ta' Ottubru 1997, Il-Kummissjoni vs Franza, C-159/94, EU:C:1997:501, punt 59, 95 u 96; u tal-15 ta' Novembru 2007, International Mail Spain, C-162/06, EU:C:2007:681, punti 34 u 35.

35 — Ara, f'dak is-sens, is-sentenzi tat-23 ta' Ottubru 1997, Il-Kummissjoni vs Franza, C-159/94, EU:C:1997:501, punt 53.

36 — ĠU 1997 C 340, p. 109 (iktar 'il quddiem "il-Protokoll ta' Amsterdam").

Membru, u sakemm dawn il-finanzi ma jaffettwax il-kondizzjonijiet tal-kummerċ u l-kompetizzjoni [fl-Unjoni] sal-punt li jmur kontra l-interess komuni, mentri r-realizzazzjoni tat-termini ta' referenza ta' dak is-servizz pubbliku jkunu kkunsidrati. Dak il-Protokoll, filwaqt li jagħmel riferiment għat-test tal-ibbilanċjar, ma jagħmilx riferiment għat-test tal-ostakolu, u wisq inqas bil-mod kif qed issostni Viasat.

44. Isegwi minn dak li ntqal iktar 'il fuq li applikazzjoni xierqa tal-Artikolu 106(2) TFUE ma teħtieġx li jitqiesu t-tieni u r-raba' kundizzjonijiet Altmark.

45. L-ebda argument ta' sostenn li ressqet Viasat fl-appell tagħha ma jpoġġi f'dubju lil din il-konklużjoni.

46. L-ewwel nett, fir-rigward tas-sentenzi tal-Qorti Ġenerali li Viasat kkritikat [37], il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex marbuta b'dik il-ġurisprudenza, u l-Qorti tal-Ġustizzja, fl-assenza ta' appell, lanqas ma tista' tivverifika jekk dawk is-sentenzi humiex korretti. Għalhekk, huwa irrilevanti argument ibbażat fuq linja ġurisprudenzjali allegatament skorretta tal-Qorti Ġenerali f'kif ġew ittrattati kawżi preċedenti dwar l-Artikolu 106(2) TFUE. L-istess jgħodd għall-Konklużjonijiet tal-Avukati Ġenerali [38] li Viasat tikkontesta; lanqas dawn ma jorbtu lill-Qorti tal-Ġustizzja [39].

47. It-tieni nett, fir-rigward tal-argument ta' Viasat li, kuntrarjament għall-pożizzjoni li ħadet il-Qorti Ġenerali fil-punt 91 tas-sentenza appellata, il-fehma tagħha ma twassalx għal impass loġiku, biżżejjed jingħad li dan il-paragrafu jibda bil-kliem "[b]arra minn hekk", li jindika n-natura supererogatorja ta' dik ir-raġuni. Għaldaqstant, dan l-argument huwa ineffettiv. Fi kwalunkwe każ, Viasat tikkontradixxi lilha nnifisha meta tikkontendi li l-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 106(2) TFUE ma tirrendix dik id-dispożizzjoni bla effett: Viasat ma tistax tippretendi li l-Kummissjoni tista', fuq bażi minn każ għal każ, twarrab waħda mill-kundizzjonijiet Altmark fl-evalwazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà, u fl-istess ħin tassumi bħala fatt li t-test tal-ostakolu taħt l-Artikolu 106(2) TFUE jeħtieġ, sabiex ikun jirrifletti l-Artikolu 107(1) TFUE, l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet Altmark, billi dawk il-kundizzjonijiet huma kumulattivi skont l-Artikolu 107(1) TFUE.

48. It-tielet nett, fir-rigward tal-komunikazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-2005 u l-2011, imsemmija fil-paragrafu 67 tas-sentenza appellata, Viasat tikkonċedi li dawk il-komunikazzjonijiet u d-deċiżjonijiet ma humiex applikabbli, kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-pargrafu 93 tas-sentenza appellata. Isegwi li ma huma ta' ebda rilevanza f'din il-vertenza, li l-qofol tagħha huwa jekk il-Qorti Ġenerali kellhiex raġun tiddeċiedi li l-Kummissjoni ma hijiex meħtieġa tikkunsidra t-tieni u r-raba' kundizzjonijiet Altmark meta tevalwa l-kompatibbiltà ta' miżura ta' għajnuna skont l-Artikolu 106(2) TFUE.

49. Ir-raba' nett, dwar l-argument li l-Qorti Ġenerali naqset li tikkunsidra, fil-punti 97 sa 99 tas-sentenza appellata, is-sinjifikat tal-Komunikazzjoni dwar ix-Xandir tal-2001, kuntrarjament għal dak li tinsinwa l-Kummissjoni, ma jidhirx li Viasat qed tikkontesta l-validità ta' dik il-komunikazzjoni. Dwar il-merti ta' dak l-argument, il-fatt li seta' kien possibbli għall-Kummissjoni, fid-dawl ta' komunikazzjonijiet u linji gwida, li tiġi adottata interpretazzjoni iktar konformi mal-mod kif taħsibha l-appellanti, ma jurix li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kinitx meħtieġa tagħmel hekk.

37 — Sentenzi tal-1 ta' Lulju 2010, M6 vs Il-Kummissjoni, T-568/08 u T-573/08, EU:T:2010:272; tal-11 ta' Marzu 2009, TF1 vs Il-Kummissjoni, T-354/05, EU:T:2009:66; tas-7 ta' Novembru 2012, CBI vs Il-Kummissjoni, T-137/10, EU:T:2012:584, u tas-16 ta' Ottubru 2013, TF1 vs Il-Kummissjoni, T-275/11, ma hijiex ippubblikata, EU:T:2013:535.

38 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tesauro fil-kawża Corbeau, C-320/91, EU:C:1993:52, u tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-kawża Ferring, C-53/00, EU:C:2001:253. Viasat tikkritika wkoll is-sentenza tas-27 ta' Frar 1997, FFSA *et* vs Il-Kummissjoni, T-106/95, EU:T:1997:23, li tirreferi għal dawk il-Konklużjonijiet.

39 — Sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Pesce *et*, C-78/16 u C-79/16, EU:C:2016:428, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata.

50. Fl-aħħar nett, dwar l-argument ta' Viasat li l-Artikolu 106(2) TFUE jeħtieġ proċedura kompetittiva ta' sejħa għal offerti għall-għoti ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, l-oġġezzjoni ta' ammissibbiltà li qajjem ir-Renju tad-Danimarka, imsemmi iktar 'il fuq fil-punt 26, għandha tiġi miċħuda, billi jidher li Viasat fil-fatt issottomettiet argument simili fl-ewwel istanza. Madankollu, il-kontenzjoni speċifika ta' Viasat li l-kuntratt ta' xandir ta' servizz pubbliku inkwistjoni fid-deċiżjoni kkontestata huwa ta' interess transkonfinali, ma jsegwix mis-sentenza appellata, u Viasat ma tidhirx li sostniet punt bħal dak fl-ewwel istanza. Barra minn hekk, dik l-evalwazzjoni teħtieġ evalwazzjoni fattwali, li ma hijiex kwistjoni għall-Qorti tal-Ġustizzja f'appell. Għaldaqstant, dik il-kontenzjoni speċifika hija inammissibbli.

51. Fir-rigward tal-punt ta' dritt li qajjem dak l-argument, il-Qorti Ġenerali ma żbaljatx, fil-punt 99 tas-sentenza appellata, meta ddikjarat li l-Artikolu 106(2) TFUE ma jeħtieġx proċedura kompetittiva ta' sejħa għal offerti għall-għoti ta' servizz ta' interess ekonomiku inġenerali. Kif qalet il-Kummissjoni, l-Artikolu 106(2) TFUE jippermetti d-deroga mir-"regoli li hemm fit-Trattati", li jinkludu r-regoli fuq il-libertà ta' moviment u l-prinċipji ġenerali ġejjin minnhom, sa fejn dik l-istituzzjoni hija ssodisfatt li t-testijiet ta' ostakolu u bbilanċjar huma osservati u suġġetti għal stħarriġ mill-Qrati tal-UE. F'dak is-sens, il-Protokoll ta' Amsterdam ma jistax jinftiehem mod ieħor għajr li jikkonferma l-prinċipju li l-Istati Membri jistgħu jagħtu direttament, fl-interess pubbliku, drittijiet speċjali jew esklużivi lil impriża f'forma ta' konċessjoni ta' xandir ta' servizz pubbliku.

52. Minn dak li ntqal preċedentement isegwi li t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

C –*L-ewwel aggravju*

53. Fl-ewwel aggravju tagħha, Viasat issostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta ċaħdet il-motiv tagħha għal annullament li kien jallega li l-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata naqset milli tosserva d-dmir tagħha ta' motivazzjoni skont l-Artikolu 296 TFUE.

54. Fil-punt 103 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan il-motiv għal annullament meta qalet li s-"silenzju tad-deċiżjoni dwar ir-rwol tat-tieni u r-raba' kundizzjoni Altmark fl-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri kkonċernati mas-suq intern ma huwiex dovut għal żball ta' raġunament tal-Kummissjoni jew għal difett ta' motivazzjoni li jivvizjaw id-deċiżjoni kkontestata, iżda għall-fatt li din id-deċiżjoni tapplika qafas ta' analiżi differenti minn dak li tiffavorixxi [Viasat]".

55. Kif irrikonoxxut minn Viasat, id-deċiżjoni kkontestata kien ikun fiha motivazzjoni inadegwata biss kieku l-Kummissjoni kienet taħt obbligu li tapplika l-qafas analitiku li, skont Viasat, jirriżulta mill-Artikolu 106(2) TFUE.

56. Madankollu, il-Qorti Ġenerali la għamlet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-Kummissjoni ma kienet taħt l-ebda obbligu bħal dak, u għalhekk lanqas ma żbaljat meta kkunsidrat li d-deċiżjoni kkontestata kienet immotivata biżżejjed. Għaldaqstant, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

D –*It-tielet aggravju*

57. Fil-parti konklużiva tal-appell tagħha, Viasat tgħid, *en passant*, li "il-Qorti Ġenerali żbaljat meta naqset milli teżamina t-talba ta' Viasat fl-istandard [meħtieġ]" u li "fil-każ preżenti, l-eżami mill-Qorti Ġenerali tal-pretenzjonijiet ta' Viasat ma jissodisfawx il-livell meħtieġ […] fil-ġurisprudenza."

58. Jekk nassumu, għall-argument, li dan l-aggravju huwa mmirat lejn l-punti kollha tas-sentenza appellata, jiena naqbel mal-Kummissjoni li fi kwalunkwe każ ma huwiex żviluppat biżżejjed biex il-partijiet l-oħra jirrispondu jew biex il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi fuqu. Għaldaqstant, dan l-aggravju huwa inammissibbli [40].

E –*Konklużjoni*

59. Fil-fehma tiegħi, isegwi minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq li l-ebda aggravju ta' Viasat ma rnexxa. Għaldaqstant, l-appell għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

V – **Spejjeż**

60. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skond l-Artikolu 184(1), il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba mill-parti li rebħet. Billi l-Kummissjoni u TV2 talbu l-ispejjeż u l-appellanti tilfet, Viasat għandha tiġi ordnata tbati l-ispejjeż tagħha u tbati l-ispejjeż tal-Kummissjoni u ta' TV2. Barra minn hekk, jirriżulta mill-Artikolu 140(1) tal-imsemmija regoli, applikabbli għall-proċedura tal-appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, li r-Renju tad-Danimarka għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

VI – **Konklużjoni**

61. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

— tiċħad l-appell;

— tordna lil Viasat Bradcasting UK Ltd tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea u ta' TV2/Danmark A/S;

— tordna li r-Renju tad-Danimarka għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

40 — Ara, f'dan is-sens, id-Digriet tas-6 ta' Frar 2014, Thesing u Bloomberg Finance vs BĊE, C-28/13P, EU:C:2014:230, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata.